# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2678

Każ numru : 3696/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Dragan Petrovic
(ID 80816 L)

u

Al Solito Posto Limited
(C-82909)

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman : Is-Sur James Henry Pearsall**

**Illum : 19 ta' Ottubru, 2020**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Dragan Petrovic nhar il-31 ta' Ottubru, 2018 fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kienitx għal raġuni valida skont l-Att tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta), konsegwentement jitlob dawk il-mizuri kollha mehtiega inkluz kumpens xieraq u adekwat.

Min-naħa ta' Solito Posto, fir-risposta taghhom datata 14 ta' Jannar, 2019, iddikjaraw li filwaqt li t-terminazzjoni mill-impjieg tas-Sur Dragan Petrovic kienet ghal ragunijiet validi u skont il-Ligi, it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda fl-initier taghhom, bl-ispejjez kontra is-Sur Dragan Petrovic.

It-Tribunal Industrijali zamm tmien seduti. Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

Is-Sur. Dragan Petrovic li minn issa il-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent ser ikun rapprezentat mill-Avv. Graziella Bezzina.

Al Solito Posto Ltd., li minn issa il-quddiem ser tissejjah is-socjeta' intimata ser tkun rapprezentata mill. Avv. Keith. A. Borg u mill-Avv. Graziella Cricchiola.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tieghu mal-Park Hotel Ltd., bhala *Food and Beverage server*, skont il-kuntratt Doc X1 bhala *waiter/barman*, u dan b'sehh mit-8 ta' April, 2010 meta wara li in-negozju gie ittrasferit lis-socjeta' intimata hu kompla l-impjieg tieghu fis-16 ta' Frar, 2018, fl-istess grad li kellhu, dak ta' *waiter/Barman*. Gara il-fatt, li fit 28 ta' Lulju, 2018, ir-rikorrent kellu l-impjieg tieghu itterminat u dan ghall raguni ta' "*failure to perform duties as agreed in employment contract*", u tali raguni hija riferuta wkoll fil-formula tat-terminazzjoni migjuba mill-JobsPlus datata 27 ta 'Lulju 2018. - Doc X.

Ir-rikorrent beda l-impjieg tieghu mal-Park Hotel mis 7/04/2008 sa l-15/02/2018, wara li sar trasferiment tan-negozju, ir-rikorrent inghata kuntratt gdid mis-16 ta' Frar, 2018 mas-socjeta' intimata u li wara gie itterminat b'effett mit 28/07/2019.

Is-socjeta' intimata isosstni li ir-ragunijiet tat-terminazzjoni kienet li ma kienx wettaq id-doveri tieghu skont il-kuntratt ta' l-impjieg, inkluz ukoll ir-regolamenti tal-kumpanija, kif ukoll ghal-ragunijiet ta' dixxiplina. Ir-rikorrent jichad dan u jikkontesta li ir-raguni mghotija mis-socjeta' intimata ma kienetx wahda gusta.

**4. Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent skont il-lista anetta mar-rikors.
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' intimata skont il-lista anessa mar-rikors prezentat.

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrent : kopja tal-kuntratt tax-xoghol immarkat Doc X1; Dok X2; Dok X3;u Dok X4.

**5.2** Gew ipprezenatati numru ta’ dokumenti minn naha tas-socjeta’ intimata immarkati Doc GGB1

**5.3** Gew ipprezentati dokumenti minn JobsPlus Dok JS1;JS2;JS3;JS4.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**61**.socjeta’ intimata fix-xhiedha taghha meta il-manager gie mistoqsi “*Can you tell us, describe Dragan’s behaviour with other employees*?”

**6.2** Ir-risposta l-ewwel kienet kienet hekk “ *OK so with the other employees* ***was normal.*** *For the customer maybe sometimes was* ***a bit rude****. With some customers*”.

**6.3** “*When you say a bit rude can you explain how*”

**6.4** “ *Ok so* ***maybe not too much kindly*** *and the people come to me to complain. Also with the other staff,* ***with some people*** *not all staff.* ***With some people*** *of the staff.” (noti 31/01/2020).*

**6.5 L-Avv Graziella Cricchiola** “ ---*how many times have you spoken to him about this?”*

**6.6** Daniele Alanga “ ***Maybe*** *about three five times*.”(noti 31/01/2020).

**6.7 L-Avv Graziella Bezzina:** mistoqsija ta’ kemm il-darba nnota l-attegjament da parti ta’ l-esponenti ix-xhud irrisponda *“ A bit of times . Now I don’t know the number exactly of the times”(noti 3/03/2020).*

**6.8 Mistoqsija** *“ –how was Dragan’s performance in his work ?*
*“the performance was normal ----nothing too special” (noti 3/03.2020).*

**7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**8.**

Wara sottomissjonijiet miz-zewg partijiet saret trattazzjoni verbali fejn gew ikkonfermati in-noti prezentati kif ukoll saru referenzi ghall xi punti imqajjma fl-istess noti.

Filwaqt li l**-Avv Graziella Bezzina** sosstniet li skont il-kuntratt tax-xoghol, ir-rikorrent kellhu illi “*Your job position , salary, employee benefits and all conditions of work will remain unchanged”*

Kif ukoll li il-kuntratt tax-xoghol kien kontinwazzjoni ta’ l-impjieg ghal perjodu definit u li wara biss sitt xhur minn dan il-kuntratt, ir-rikorrent gie itterminat ghall raguni “*Failure to perform duties as agreed in employment contract”*
L-Avv. Graziella Bezzina sostniet illi ir-rikorrent qatt ma inghata warnings jew ittiehdu xi mizuri jew azzjoni dixxiplinarji fil-konfront tieghu.

Minn naha tas-socjeta’ intimata, l-Avv Graziella Cricchiola, tenniet li r-rikorrent ma kienx jaqdi id-dmirijiet tieghu versu il-klijenti kif ukoll mal-impjegati, u li dan ma kienx jaghmel ix-xoghol mitlub minnu u ghaldaqstant kien ikollu jinghata lil haddiehor. Gie riferut xi incident, bhal meta gie mqabbad juza xi xkupa u dan irrifjuta. Meta gie riferut jekk kienux kellmuh fir-rigward in-nuqqasijiet. Ir-risposta kienet “**maybe** three to five times”

**8 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali meta irrefera ghall-karriera lavorattiva tar-rikorrent (Doc JS1), kien ilu fl-impjieg mas-socjeta’ intimata ghal aktar minn seba’ snin, li matulhom qatt ma kellu problemi fuq il-post tax-xoghol jew ilmenti mis-superjuri li kellu matul dawn is-snin. (Sed. 11/11/2019.) It-Tribunal rah stramb il-fatt li f’anqas minn sitt xhur fl-istess impjieg. izda taht management gdid, spikkat terminazzjoni fuq bazi ta’ dixxiplina, meta ir-rikorrent l-anqas biss kien affacjat bl-ebda mod ta’ proceduri bazici, b’mod specjali xi forma ta’ twissija formali.

It-Tribunal irrefera ghall-kuntratt tax-xoghol fejn jinghad hekk

- Art 7 The employer may without any previous notice fortwith terminate the employee’s employment if the employee
    (a) Is wilfully or continuosly negligent in his duties and/or irresponsible in his attitude or mis-use of equipment in the execution of his duties or any misdemeanour.

Il-fatt gara li r-rikorrent inghata kuntratt gdid wara li sar trasferiment tan-negozju u li dan ma biddel xejn mid-doveri li kellhu qabel fil-grad ta’ waiter / barman. Deher car mid-dokumentazzjoni JS2, kif prezentata, li sar tnaqqis sostanzjali ta’ l-impjegati wara li sar it-trasferiment tan-negozju u li dan gab mieghu ammont ta’ rizenji u li dan irrizulta f’tibdil drastiku fl-operat tal-post tax-xoghol, u li kellu jsir b’anqas impjegati.

Il-fatt li dahal management gdid u li ried ibbidel il-fizjonomija tan–negozju ma kellux ifisser li f’qasir zmien dak l-impjegat li ma kienx qieghed jottempra ruhu ma’ xi prassi godda li beda jaghmel il-management il-gdid, fi zmien qasir, ir-rikorrent kellu jigi mghoti dik, li it-Tribunal iqis bhala il-piena kapitali, terminazzjoni, mill-impjieg tieghu, u dan minghajr l-ebda nota formali ta’ twissija.

Filwaqt li it-Tribunal jgharaf sew, li impjegat ghandu jaqdi id-dmirijiet tieghu kif riferut fid-decizzjoni **Wyatt Zammit u Roosendaal Hotels Ltd**, in-nuqqas ta’ dawn id-doveri irid jigi ippruvat f’xhieda cara u konsistenti min-naha tal-management u dan permezz ta’, kemm twissijiet verbali kif ukoll bil-miktub qabel ma tittiehed id-decizjoni drastika ta’ tkeccija mill-impjieg. It-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma qalx li dak l-impjegat li ma isegwix ezatt dak li ikun mixtieq f’hin preciz, il-management ghandu xi dritt sagrosant li jittermina impjieg meta u kif jidhirlu hu, u dan fil-kuntest ta’ management gdid li kien ilhu hemm biss ftit xhur.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jifhem li fil-kaz odjern is-socjeta’ intimata li kienet ilha tmexxi l-operat ghal zmien qasir ma tghat l-ebda tip ta’ **twissja formali** lir-rikorrent, li kien ilu fl-impjieg ghal aktar minn seba’ snin, izda itterminat l-impjieg fi zmien ftit xhur wara li sar it-trasferiment tan-negozju.

It-Tribunal innota, mix-xhieda mghotija kemm minn Gabriele Asaro, id-direttur, kif ukoll minn Catherine Gray Bannerman, Accounts Clerk, kif it-terminazzjoni saret mill-management fuq biss l-interpretazzjoni ta' dak li seta gara minn manager li kien ikun fuq il-post, u li ix-xhieda tieghu ma kienetx daqstant konsistenti.
It-Tribunal Industrijali innota li ir-rikorrent dejjem kellu impjieg stabbli u li fi zmien ftit gimghat rega' sab impjieg.

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent kienet wahda ingusta u kontra il-Ligi u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens ta' elf euro (€1,000) li ghandhom jithallsu fi zmien xahar minn din id-decizjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James H Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja